**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR. ANTHONY G. VELLA BA. LL.D. M.A.**

**Illum 4 ta' Frar 2016**

**Pulizija**

**Spettur Daryl Borg**

**Vs**

**Lawrence Borg**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet kontra Lawrence Borg iben Joseph u Mary nee' Xuereb, mwieled Rabat (Ghawdex) nhar il-21 ta' Mejju 1975 u residenti gewwa Our Dream, Trqi Xandriku, Nadur, Ghawdex u detentur tal-karta ta' l-identita' 16175G;

Talli nhar id-19 ta' Dicembru 2014, u fix-xhur precedent, f'dawn il-Gzejjer:

1) Talli zamm f'xi fond jew kellu fil-pussess tieghu, taht il-kontroll tieghu jew garr barra minn xi fond jew fiddintorni arma tan-nar tad-ditta *'Davis Industries'* bin-numru tas-serje P095930 u munizzjoni elenkati fl-iskeda II minghajr ma kellu licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija bi ksur tal-Artikolu 5(1) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta;

2) Kif ukoll talli malli akkwista jew gie fil-pussess tieghu xi arma tan-nar, jew munizzjoni naqas milli minnufih javza lill-Kummissarju, li ghandu jordna jekk dik l-arma tan-nar jew munizzjoni ghandhomx jinzammu fil-kustodja tal-Pulizija jew ghand min ikun qed jirrapporta l-kaz u dan bi ksur tal-Artikolu 41 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni f'dawn il-proceduri, fl-4 ta' Frar 2016, li giet ikkonfermata minnu wara li nghata z-zmien xieraq skont il-ligi sabiex jikkonsidra sew l-ammissjoni tieghu, u wara li l-Qorti wissietu solennement bil-konsegwenzi li l-istess ammissjoni kienet ser iggib maghha;

Rat illi l-Qorti ghalhekk setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l-Artikoli 5(1) u 41 tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta;

Wara li semghet lill-partijiet jittrattaw fuq il-piena li setghet tinghata lill-imputat;

Fuq ammissjoni din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi imputat hati tal-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u qieghda tikkundannah multa ta' seba' mitt (€700).

Tordna l-iskwalifika tal-licenzja tal-armi tal-imputat ghall-perjodu ta’ sena u in oltre tordna l-konfiska tal-arma.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**